

- id-derogi ma kinux is-suġġett ta' evalwazzjoni tal-istat ta' konservazzjoni tal-popolazzjonijiet tal-ispeċi kkonċernata kif ukoll tal-impatt li d-deroga maħsuba jista' jkollha fuqha, fil-livell tat-territorju ta' dan l-Istat Membru jew, skont il-każ, fil-livell tar-reġjun bjiogeografiku inkwistjoni meta l-fruntieri ta' dan l-Istat Membru jikkoinċidu ma' diversi reġjuni bjiogeografiċi, jew inkella jekk il-firxa naturali tal-ispeċi teħtieġ dan u, sa fejn possibbli, fil-livell transkonfinali, u
- dawn ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet kollha dwar il-mod selettiv u limitat tat-tēhid ta' numru limitat u speċifikat ta' ċerti kampjuni tal-ispeċi msemija fl-Anness IV tal-imsemmija direttiva fkundizzjonijiet strettament ikkontrollati, li l-osservanza tagħhom għandha tīgħi pprovata fir-rigward, b'mod partikolari, tal-kobor tal-popolazzjoni, tal-istat ta' konservazzjoni tagħha u tal-karatteristiċi bijoloġiċi tagħha.
- Huwa l-kompli tal-qorti tar-rinviju li tivverifika jekk dan huwiex il-każ fil-kawża prinċipali.

(<sup>1</sup>) ĠU C 63, 19.2.2018.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tas-17 ta' Ottubru 2019 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Supremo Tribunal Administrativo – il-Portugall) – Paulo Nascimento Consulting - Mediação Imobiliária Lda vs Autoridade Tributária e Aduaneira**

(Kawża C-692/17) (<sup>1</sup>)

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Eżenzjonijiet – Artikolu 135(1)(b) u (d) – Tranżazzjonijiet dwar l-ghotu u n-negozjar ta' krediti kif ukoll għall-immaniġġar ta' krediti – Tranżazzjonijiet li jirrigwardaw id-djun, bl-eċċeżżjoni tal-irkupru ta' djun – Trasferiment bi ħlas, favur terz, ta' pożizzjoni fi proċedura għall-irkupru forzat ta' dejn irrikonoxxut minn deċiżjoni ġudizzjarja)*

(2019/C 423/03)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

**Qorti tar-rinviju**

Supremo Tribunal Administrativo

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Paulo Nascimento Consulting - Mediação Imobiliária Lda

Konvenuta: Autoridade Tributária e Aduaneira

**Dispożittiv**

L-Artikolu 135(1)(b) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-eżenzjoni li huwa jipprevedi għat-tranżazzjonijiet dwar l-ghotu u n-negozjar ta' krediti jew l-immaniġġar ta' krediti ma huwiex applikabbli għal tranżazzjoni li tikkonsisti, għall-persuna taxxabbli, fit-trasferiment lil terz, bi ħlas, tad-drittijiet u l-lobbliji tagħha kollha li jorigħaw mill-pożizzjoni tagħha fil-proċedura intiża għall-irkupru forzat ta' dejn li kien irrikonoxxut b'deċiżjoni ġudizzjarja u li l-ħlas tiegħu kien iggarantit bi drid fuq proprietà immobbli li kienet ġiet aġġudikata lil din il-persuna taxxabbli.

(<sup>1</sup>) ĠU C 94, 12.3.2018.